MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 213/2014

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali bin-numru 1470/2011**

**intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili fl-ismijiet:**

**Swatar SMC Limited**

**vs**

**Giuseppe Trapani**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Giuseppe Trapani li gie pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-24 ta’ Gunju 2014 fejn ippremetta:

*“Illi s-socjeta’ intimata otteniet fil-konfront tal-esponenti titolu ezekuttiv in virtu ta’ ittra ufficjali bin-numru 1470/2011 fl-ismijiet hawn fuq premessi, u liema ittra ufficjali giet intavolata ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Illi l-ittra ufficjali suriferita giet notifikata lil Lucia Vanto, mart l-esponenti, fis-26 ta’ Marzu 2011 u dan fl-ilsien Malti biss, kif jihder mill-verakopja ta’ l-istess ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala “Dokument A”.*

*Illi fil-frattemp, is-socjeta’ Swatar SMC Limited giet amalgamata mas-socjeta’ Swatar M&B Limited (C21809), kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala “Dokument B”, bil-konsegwenza li l-personalita’ guridika tas-socjeta’ Swatar SMC Limited illum tinsab inkorporata fis-socjeta’ Swatar M&B Limited.*

*Illi kemm l-esponenti u kemm martu Lucia Vanto huma ta’ nazzjonalita’ taljana, u ma jifhmux bl-ilsien Malti. Dan il-fatt huwa ben maghruf lis-socjeta’ intimata, stante li iben l-istess esponenti kien jattendi fl-iskola gestita mis-socjeta’ intimata, bil-konsegwenza li l-esponenti u n-nazzjonalita’ tieghu kienu maghrufin mill-istess socjeta’ intimata.*

*Illi filwaqt li huwa minnu li l-imsemmija ittra ufficjali kellha tigi ntavolata fl-ilsien Malti, is-socjeta' intimata kellha tiehu hsieb li l-esponenti jigi nofitikat anke bi traduzzjoni f'ilsien li jista' jinftiehem minnu b'kopja ta' l-istess ittra ufficjali.*

*Illi dan il-punt kien sollevat u deciz favur it-tezi ta' l-esponenti fil-prokediment* ***Joseph Duca et vs. Zora Vukadinovic****, deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' April 2010 (kopja ta' din id-decizjoni, li ma gietx appellata, qed tigi annessa mal-prezenta u mmarkata bhala "Dokument C"). F'dik id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), wara li ghamlet referenza ghall-Artikolu 5 tal-Kapitolu 189 tal-ligijiet ta' Malta, qieset li:*

*"…minn ezami ta' dan l-Artikolu jirrizulta li l-Legislatur ried li f'kaz li jkun hemm xi att li jrid jigi notifikat lil xi persuna barranija jew ahjar li ma tifhimx il-lingwa Maltija, din ghandha d-dritt tkun mgharrfa bil-lingwa Ingliza sabiex hija tkun f'posizjoni li tiddefendi lilha nnifisha. Illi ghalhekk skond is-Sub Artikolu (1) meta r-Registratur tal-Qorti jkollu xi raguni ghala ghandu ghalfejn jahseb li r-ricevitur ta' l-att ma jifhimx bil-lingwa Maltija, huwa ghandu jiehu hsieb li issir traduzzjoni tal-att ghal-lingwa Ingliza minn Ufficcjal tar-Registru, billi tigi konsenjata kopja ta' l-original u t-traduzzjoni tieghu.*

*Ghalhekk, in linea ma' dan il-hsieb, l-intimati - li f'dan il-kaz kienu huma li pprezentaw l-att promotur u cioe' l-ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-kap 12 - kellhom jinformaw lir-Registratur li r-rikorrenti odjerna ma tifhimx bil-lingwa Maltija, kif del resto vverbalizzaw l-avukati defensuri tal-partijiet fis-seduta tal-20 ta' April 2010. Haga li ma ghamlux. Illi ghalhekk il-Qorti thoss li huma naqsu u li ghalhekk ghandu jigi dikjarat li dan l-att m'ghandux jitqies li*

*ghandu titolu esekuttiv izda ghandu jerga' jigi mahrug bil-lingwa Ingliza, sabiex jigi notifikat lir-rikorrenti mill-gdid.*

*Illi ghalhekk l-esponenti ma kienx notifikat kif imiss bl-ittra ufficjali in kwistjoni, bil-konsegwenza li ghandu jigi dikjarat u deciz li l-imsemmija ittra ufficjali ma tikkostitwix titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu.*

*Illi wkoll, b'konsegwenza tal-fatt li l-ittra ufficjali li giet spedita lill-esponenti ma kienetx f'ilsien li huwa seta' jifhem, it-twissijiet kontenuti fl-istess ittra ufficjali u mehtiega a tenur ta' l-Artikolu 166A(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma kienu jfissru xejn ghall-esponenti, li ghalhekk ma giex imwissi dwar il-kontenut u l-konsegwenza ta' l-ittra ufficjali in dizamina kif trid il-ligi.*

*Illi s-socjeta' intimata otteniet ukoll, abbazi ta' l-istess titolu ezekuttiv, mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq premessi bin-numru 2282/2011, liema mandate ta' sekwestru ghandu jitnehha seduta stante li nhareg abbazi ta' titolu ezekuttiv li huwa null u minghajr effett. Vera kopja ta' l-imsemmi mandat ta' sekwestru, li ma gie qatt notifikat lill-esponenti, tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument D".*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(1) tirrexxindi u tiddikjara bhala null u minghajr effett it-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjeta' intimata in virtu' ta' l-ittra ufficjali bin-numru 1470/2011 intavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-*

*ismijiet “Swatar SMC Limited vs. Giuseppe Trapani” ai termini ta’ l-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*(2) tordna lis-socjeta’ intimata sabiex tintavola l-kontromandat opportun fil-konfront tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 2282/2011 fl-ismijiet “Swatar SMC Limited vs. Giuseppe Trapani”,*

*U dan bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ intimata.*

*Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta’ intimata fi proceduri gudizzjarji, u b’riserva ghal kull dritt t’azzjoni spettanti lill-esponenti kontra l-istess socjeta’ intimata.”*

Rat illi r-rikors gie notifikat lis-socjeta’ intimata nhar it-2 ta’ Lulju 2014 kif jirrizulta mit-timbru fl-atti a fol 25 tergo tal-purtier Carmel Gauci.

Rat illi minkejja tali notifika s-socjeta’ konvenuta ma pprezentat l-ebda risposta jew bl-ebda mod ma kkontestat il-kontenut tar-rikors promotur.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici b’dan illi qieghda tirrixxindi u tiddikjara null u minghajr ebda effett it-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjeta’ intimata in segwitu tal-ittra ufficjali bin-numru 1470/2011 intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-ismijiet Swatar SMC Limited vs Giuseppe Trapani ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-**

**istess Kodici u b'hekk tordna sabiex jinhareg il-kontro-mandat opportun fil-konfront tal-mandat ta' sekwestru numru 2282/2011 fl-istess ismijiet Swatar SMC Limited vs Giuseppe Trapani u dan a spejjez tal-istess socjeta' intimata.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti a karigu tas-socjeta' intimata.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------